DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI (UE) 2023/1680 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tas-17 ta' Awwissu 2023

dwar ir-rapportar ta' pjanijiet ta' finanzjament ta' entitajiet taħt superviżjoni mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti lill-Bank Ċentrali Ewropew *(BĊE/2023/19)*

(riformulazzjoni)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 468/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi qafas għal kooperazzjoni fi ħdan il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u ma' awtoritajiet nominati nazzjonali (Regolament Qafas tal-MSU) (BĊE/2014/17) ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 21 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Bord Superviżorju,

Billi:

(1) Il-Linji Gwida tal-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE) dwar definizzjonijiet u mudelli armonizzati għall-pjanijiet ta' finanzjament tal-istituzzjonijiet ta' kreditu skont ir-Rakkomandazzjoni tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-20 ta' Diċembru 2012 (BERS/2012/2) (ABE/GL/2019/05) ([3]) (minn hawn 'il quddiem il-"Linji Gwida tal-ABE tal-2019") jarmonizzaw il-mudelli u d-definizzjonijiet biex jiffaċilitaw ir-rapportar tal-pjanijiet ta' finanzjament mill-istituzzjonijiet ta' kreditu.

(2) Il-Linji Gwida tal-ABE tal-2019 huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti, kif iddefiniti fil-punt (2), tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), u lil istituzzjonijiet li jirrapportaw pjanijiet ta' finanzjament lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom skont il-qafas ta' implimentazzjoni nazzjonali tar-Rakkomandazzjoni BERS/2012/2 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ([5]).

(3) Għall-fini esklussiv tat-twettiq tal-kompiti kkonferiti fuqu bl-Artikolu 4(1) u 4(2) u l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013, il-BĊE jitqies, kif xieraq, bħala l-awtorità kompetenti jew l-awtorità nominata fl-Istati Membri parteċipanti kif stabbilit mil-liġi tal-Unjoni. Għalhekk, il-BĊE huwa fost id-destinatarji tal-Linji Gwida tal-ABE tal-2019.

(4) Skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013, u l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) Nru 468/2014 (BĊE/2014/17), kemm il-BĊE kif ukoll l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti (ANK) huma soġġetti għal obbligu li jiskambjaw l-informazzjoni. Minħajr preġudizzju għas-setgħa tal-BĊE li jirċievi direttament informazzjoni rrapportata minn entitajiet taħt superviżjoni, jew li jkollu aċċess dirett għal dik l-informazzjoni fuq bażi kontinwa, l-ANK għandhom jipprovdu speċifikament lill-BĊE bl-informazzjoni meħtieġa kollha għall-finijiet tat-twettiq tal-kompiti mogħtija lill-BĊE permezz tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013.

([1]) ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63.
([2]) ĠU L 141, 14.5.2014, p. 1.
([3]) Jinsab fis-sit web tal-ABE fi www.eba.europa.eu
([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).
([5]) Rakkomandazzjoni BERS/2012/2 tal-Bord Ewropew dwar ir-Rskju Sistemiku tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-finanzjament ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU C 119, 25.4.2013, p. 1).

(5) Sabiex jikkonforma mal-Linji Gwida tal-ABE tal-2019, il-BĊE għandu jiżgura li entitajiet taħt superviżjoni jirrapportaw il-pjanijiet ta' finanzjament tagħhom skont il-mudelli u d-definizzjonijiet armonizzati msemmija fil-mudell tal-pjan ta' finanzjament marbut tal-Linji Gwida tal-ABE tal-2019. Għal dan l-għan, id-Deċiżjoni (UE) 2017/1198 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2017/21) ([6]) tistabbilixxi proċeduri armonizzati għas-sottomissjoni ta' dawk il-pjanijiet ta' finanzjament lill-BĊE kif ukoll dettalji dwar iż-żmien tas-sottomissjoni tal-informazzjoni u l-kontrolli tal-kwalità mwettqa mill-ANK qabel is-sottomissjoni tal-informazzjoni lill-BĊE.

(6) Għall-eżerċizzju tal-kompiti tal-BĊE fir-rigward tar-rapportar superviżorju, id-Deċiżjoni BĊE/2014/29 tal-Bank Ċentrali Ewropew ([7]) tispeċifika l-mod li bih l-ANK jissottomettu lill-BĊE ċerta informazzjoni li jirċievu minn entitajiet taħt superviżjoni u ż-żmien ta' tali sottomissjoni.

(7) Id-Deċiżjoni BĊE/2014/29 titħassar u tiġi ssostitwita bid-Deċiżjoni (UE) 2023/1681 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2023/18) ([8]). Huwa għalhekk meħtieġ li s-sottomissjoni lill-BĊE mill-ANK tal-pjanijiet ta' finanzjament tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tiġi allinjata mad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni (UE) 2023/1681 (BĊE/2023/18).

(8) Id-Deċiżjoni (UE) 2017/1198 (BĊE/2017/21) ġiet emendata b'mod sostanzjali ([9]). Billi jridu jsiru emendi ulterjuri, dik id-Deċiżjoni għandha tkun riformulata fl-interessi taċ-ċarezza,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi r-rekwiżiti għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti (ANK) biex jipprovdu l-pjanijiet ta' finanzjament ta' ċerti entitajiet sinifikanti u inqas sinifikanti taħt superviżjoni lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), u tistabbilixxi proċeduri li jikkonċernaw is-sottomissjoni ta' tali pjanijiet ta' finanzjament lill-BĊE.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, japplikaw id-definizzjonijiet fir-Regolament (UE) Nru 468/2014 (BĊE/2014/17).

Artikolu 3

Rekwiżiti għal rapportar ta' pjanijiet ta' finanzjament

1. L-ANK għandhom jipprovdu lill-BĊE l-pjanijiet ta' finanzjament li huma konformi mal-Linji Gwida tal-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE) dwar definizzjonijiet u mudelli armonizzati għall-pjanijiet ta' finanzjament tal-istituzzjonijiet ta' kreditu skont ir-Rakkomandazzjoni tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-20 ta' Diċembru 2012 (BERS/2012/2) (ABE/GL/2019/05) ([10]) (minn hawn 'il quddiem il-'Linji Gwida tal-ABE tal-2019') tal-entitajiet taħt superviżjoni stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti rispettivi tagħhom li ġejjin:

(a) entitajiet taħt superviżjoni sinifikanti fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni fi ħdan l-Istati Membri parteċipanti fuq bażi ta' konsolidazzjoni;

([6]) Id-Deċiżjoni (UE) 2017/1198 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-27 ta' Ġunju 2017 dwar ir-rapportar ta' pjanijiet ta' finanzjament ta' istituzzjonijiet ta' kreditu minn awtoritajiet kompetenti nazzjonali lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2017/21) (ĠU L 172, 5.7.2017, p. 32).

([7]) Id-Deċiżjoni BĊE/2014/29 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-2 ta' Lulju 2014 dwar l-għoti lill-Bank Ċentrali Ewropew ta' dejta superviżorja rrapporata lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti mill-entitajiet taħt superviżjoni (ĠU L 214, 19.7.2014, p. 34).

([8]) Id-Deċiżjoni (UE) 2023/1681 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-17 ta' Awwissu 2023 dwar il-forniment lill-Bank Ċentrali Ewropew ta' *data* superviżorja rrapportata lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti mill-entitajiet taħt superviżjoni (BĊE/2023/18) (ara l-paġna 105 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

([9]) Ara l-Anness I.

([10]) Jinsab fis-sit web tal-ABE fi www.eba.europa.eu

(b) entitajiet taħt superviżjoni sinifikanti taħt superviżjoni li mhumiex parti minn grupp taħt superviżjoni fuq bażi individwali;

(c) entitajiet taħt superviżjoni inqas sinifikanti li fir-rigward tagħhom l-ANK rilevanti tiġbor pjanijiet ta' finanzjament skont il-Linji Gwida tal-ABE tal-2019.

2. L-ANK li jiġbru l-pjanijiet ta' finanzjament ta' entitajiet isinifikanti taħt superviżjoni li ma hemmx riferiment għalihom fil-paragrafu 1, punti (a) u (b), għandhom jipprovdu dawn il-pjanijiet ta' finanzjament lill-BĊE jekk jikkonformaw mal-Linji Gwida tal-ABE tal-2019.

3. Il-pjanijiet ta' finanzjament għandhom jiġu sottomessi lill-BĊE skont l-istruzzjonijiet u l-mudelli armonizzati msemmija fil-Linji Gwida tal-ABE tal-2019. Il-pjanijiet ta' finanzjament għandu jkollhom data ta' referenza tar-rapportar tal-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel.

Meta l-liġi nazzjonali tippermetti lill-entitajiet taħt superviżjoni biex jirrapportaw l-informazzjoni finanzjarja tagħhom abbażi tal-kontabilità tagħhom ta' tmiem is-sena, li tiddevja minn tmiem is-sena kalendarja, l-aħħar tmiem tas-sena ta' kontabilità disponibbli titqies bħala d-data ta' referenza tar-rapportar.

Artikolu 4

Dati ta' rimessa

1. L-ANK rilevanti għandhom, malli jirċievu l-pjanijiet ta' finanzjament tal-entitajiet taħt superviżjoni msemmija fl-Artikolu 3(1), il-punti (a) u (b), u l-Artikolu 3(2), f'konformità mad-data ta' rimessa tal-15 ta' Marzu speċifikata fil-Linji Gwida tal-ABE 2019 u wara li jwettqu l-kontrolli tad-*data* inizjali msemmija fl-Artikolu 7, jipprovdu lill-BĊE b'tali pjanijiet mingħajr dewmien żejjed.

2. Il-pjanijiet ta' finanzjament tal-entitajiet taħt superviżjoni msemmija fl-Artikolu 3(1), il-punt (c), li huma inklużi fil-lista tal-Ikbar Istituzzjonijiet fl-Istat Membru kif ippubblikata mill-ABE bis-saħħa tal-Artikolu 2(6) tad-Deċiżjoni tal-ABE tas-27 ta' Lulju 2021 dwar ir-rapportar superviżorju mill-awtoritajiet kompetenti lill-ABE (ABE/DC/404) ([11]) għandhom jiġu pprovduti mill-ANK rilevanti lill-BĊE sa mhux iktar tard min-12:00 Ħin tal-Ewropa Ċentrali (CET) fl-10 jum tax-xogħol wara l-15 ta' Marzu.

3. Il-pjanijiet ta' finanzjament ta' entitajiet taħt superviżjoni mhux imsemmija fil-paragrafu 1 jew 2 għandhom jiġu pprovduti mill-ANK rilevanti lill-BĊE mhux aktar tard min-12:00 CET fil-25 jum tax-xogħol wara l-15 ta' Marzu.

Artikolu 5

Kwalità tad-*data*

1. L-ANK għandhom:

(a) jimmonitorjaw u jivvalutaw l-kwalità u l-affidabbiltà tal-informazzjoni magħmula disponibbli lill-BĊE skont din id-Deċiżjoni;

(b) japplikaw ir-regoli ta' validazzjoni rilevanti żviluppati, miżmuma u ppubblikati mill-ABE;

(c) japplikaw kontrolli addizzjonali tal-kwalità tad-*data* definiti mill-BĊE f'kooperazzjoni mal-ANK.

2. L-ANK għandhom iwettqu l-valutazzjoni tal-kwalità tagħhom tad-*data* tal-pjanijiet ta' finanzjament sottomessa lilhom f'konformità ma' dan li ġej:

(a) sal-10 jum tax-xogħol wara d-data ta' rimessa tal-15 ta' Marzu msemmija fil-Linji Gwida tal-ABE tal-2019 fir-rigward ta' dan li ġej:

(i) entitajiet taħt superviżjoni sinifikanti fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni fi ħdan l-Istati Membri parteċipanti;

(ii) entitajiet taħt superviżjoni sinifikanti taħt superviżjoni li ma humiex parti minn grupp taħt superviżjoni;

([11]) Jinsab fis-sit web tal-ABE fi www.eba.europa.eu

(iii) entitajiet taħt superviżjoni li huma kklassifikati bħala sinifikanti skont il-kriterju tal-aktar tliet istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti fl-Istat Membru tagħhom u li jirrapportaw fuq bażi konsolidata jew fuq bażi individwali, jekk ma jkunux meħtieġa jirrapportaw fuq bażi konsolidata, u fejn l-ANK jipprovdu tali pjanijiet ta' finanzjament lill-BĊE skont l-Artikolu 3(2);

(iv) entitajiet taħt superviżjoni msemmija fl-Artikolu 3(1), il-punt (c), li huma inklużi fil-lista tal-Ikbar Istituzzjonijiet fl-Istat Membru kif ippubblikata mill-ABE skont l-Artikolu 2(6) tad-Deċiżjoni tal-ABE tas-27 ta' Lulju 2021 dwar ir-rapportar superviżorju mill-awtoritajiet kompetenti lill-ABE (ABE/DC/404) ([12]);

(b) għall-entitajiet sinifikanti taħt superviżjoni li mhumiex koperti mill-punt (a), sal-25 jum tax-xogħol wara d-data ta' rimessa tal-15 ta' Marzu msemmija fil-Linji Gwida tal-ABE tal-2019.

3. Minbarra l-konformità mar-regoli tal-validazzjoni u l-kontrolli tal-kwalità tad-*data* msemmija fil-paragrafu 1, l-informazzjoni għandha tiġi sottomessa skont l-istandards minimi li ġejjin għall-eżattezza:

(a) l-ANK għandhom jipprovdu informazzjoni, jekk applikabbli, dwar l-iżviluppi sottointiżi mill-informazzjoni ppreżentata; u

(b) l-informazzjoni għandha tkun kompluta, il-lakuni eżistenti għandhom jiġu rikonoxxuti u spjegati lill-BĊE u, jekk applikabbli, dawn il-lakuni għandhom jimtlew mingħajr dewmien żejjed.

Artikolu 6

Informazzjoni kwalitattiva

1. L-ANK għandhom jissottomettu lill-BĊE mingħajr dewmien żejjed l-ispjegazzjonijiet korrispondenti f'każ li l-kwalità tad-*data* għal tabella partikolari fit-tassonomija ma tkunx iġġustifikata.

2. L-ANK għandhom jikkomunikaw dan li ġej lill-BĊE:

(a) ir-raġunijiet għal kwalunkwe sottomissjoni mill-ġdid minn entitajiet sinifikanti taħt superviżjoni; u

(b) raġunijiet għal kwalunkwe reviżjoni sinifikanti sottomessa minn entitajiet sinifikanti taħt superviżjoni.

Għall-finijiet tal-punt (b), 'reviżjoni sinifikanti' tfisser kwalunkwe reviżjoni ta' punt tad-*data* wieħed jew aktar, kemm f'termini ta' ċifri assoluti rrapportati kif ukoll f'termini ta' perċentwal ta' varjazzjonijiet, li jħallu impatt sinifikanti fuq l-analiżi prudenzjali jew finanzjarja li ssir bl-użu ta' dawn il-punti tad-*data* fil-livell tal-entità.

Artikolu 7

Format tat-trażmissjoni

1. L-ANK għandhom jissottomettu l-informazzjoni speċifikata f'din id-Deċiżjoni skont il-Mudell tal-Punti tad-*Data* rilevanti u t-tassonomija applikabbli eXtensible Business Reporting Language (XBRL), żviluppata, miżmuma u ppubblikata mill-ABE.

2. F'konformità mal-Artikolu 140(3) tar-Regolament (UE) Nru 468/2014 (BĊE/2014/17), malli jirċievu l-informazzjoni msemmija fil-Linji Gwida tal-ABE tal-2019, l-ANK għandhom iwettqu kontrolli inizjali tad-*data* biex jiżguraw li s-sottomissjonijiet jikkostitwixxu rapport XBRL validu skont il-paragrafu 1.

3. L-entitajiet taħt superviżjoni għandhom jiġu identifikati fit-trażmissjoni korrispondenti bl-użu ta' Legal Entity Identifier.

([12]) Jinsab fis-sit web tal-ABE fi www.eba.europa.eu

Artikolu 8

Revoka

1. Id-Deċiżjoni (UE) 2017/1198 (BĊE/2017/21) hija rrevokata.

2. Ir-referenzi għad-Deċiżjoni rrevokata għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Deċiżjoni u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness II.

Artikolu 9

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum meta tiġi nnotifikata lid-destinatarji.

Artikolu 10

Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri partecipanti.

Magħmul fi Frankfurt am Main, is-17 ta' Awwissu 2023.

Il-President tal-BĊE
Christine LAGARDE

ANNESS I

Deċiżjoni rrevokata bl-emenda tagħha

Deċiżjoni (UE) 2017/1198 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-27 ta' Ġunju 2017 dwar ir-rapportar ta' pjanijiet ta' finanzjament ta' istituzzjonijiet ta' kreditu minn awtoritajiet kompetenti nazzjonali lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2017/21) (ĠU L 172, 5.7.2017, p. 32).
Deċiżjoni (UE) 2021/432 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-1 ta' Marzu 2021 li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2017/1198 dwar ir-rapportar ta' pjanijiet ta' finanzjament ta' istituzzjonijiet ta' kreditu minn awtoritajiet kompetenti nazzjonali lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2021/7) (ĠU L 86, 12.3.2021, p. 14).

ANNESS II

Tabella ta' korrelazzjoni

Deċiżjoni (UE) 2017/1198	Din id-Deċiżjoni
Artikolu 1	Artikolu 1
Artikolu 2	Artikolu 2
Artikolu 3	Artikolu 3
Artikolu 4	Artikolu 4
Artikolu 5(1)	Artikolu 5(1)
—	Artikolu 5(2)
Artikolu 5(2)	Artikolu 5(3)
Artikolu 6(1)	Artikolu 6(1)
Artikolu 6(2)	Artikolu 6(2), l-ewwel subparagrafu, punt (b)
—	Artikolu 6(2), l-ewwel subparagrafu, punt (a) u 6(2), it-tieni subparagrafu
Artikolu 7(1)	Artikolu 7(1)
—	Artikolu 7(2)
Artikolu 7(2)	Artikolu 7(3)
Artikolu 8	—
—	Artikolu 8
Artikolu 8a	—
Artikolu 9	Artikolu 9
Artikolu 10	Artikolu 10